# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

**Laqgħa Nru. 8/2016**

Data: 24 ta' Lulju 2016

Hin: 2:00 p.m.

Post: Fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

---

Preżenti:
***Speranza Chircop*** – *Sindku*
***Christopher Bruno*** – *Viċi Sindku*
***Maria Sultana*** – *Kunsilliera*
***Paul Bongailas*** – *Kunsillier*
***Vincent Bongailas*** - *Kunsillier*
***Elaine Caruana***– *Segretarju Eżekuttiv*

Assenti: *Michaela Noelene Zammit – Ambaxxatrici*

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Komunikazzjoni mis-Sindku;
5. Komunikazzjoni tal-Kunsillieri;
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Aġġornament.

**Minuti - 8/2016**

## 1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultaijiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Ġunju 2016.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsilliera Maria Sultana

## 2 Punti mqajma mill-Minuti

2.1 Punt 2.1 mis-seduta 7.16 – Is-Seg.Eżek. preżentat dokumenti li jmorru lura għal Mejju tal-2015 fejn il-parkeġġi ta' Triq il-Luqqata kienu diġa ġew diskussi.

Abbażi tad- dokumenti li 'rċieva l-Kunsill lura mingħand l-istess residenti għar rigward dawn il-parkeġġi juri biċ-ċar li l-istess residenti li joqgħodu f'din l-istess Triq kienu kontra l-immarkar ta' parkeġġi ġodda.

Il-Kunsill qabel illi abbażi ta' l-opinjoni tar-resdienti stess għandu jibqa kollox kif inhu fil- preżent i.e. bla immarkar ta' parkeġġi.

2.2 Punt 5.1d mis-seduta 7.16 – Is-Seg.Eżek. spjegat illi ma kienx hemm l-ebda informazzjoni imniżżla fir-rigward it-tibdil tad-data tal-avveniment tal- Mafkar tal-Gwerra dan għaliex meta kienet ġiet diskussa fuq suġġeriment tal- Viċi Sindku is-Sur Chris Bruno kienet waqt laqgħa informali.

Il-Kunsill qabel unanimament waqt din is-Seduta illi iċ-ċerimonja tal-Mafkar tal-Gwerra li hemm fi Pjazza Sagra Familja għandha tibda iċċelebrata fl-24 ta' Marzu ta' kull sena u mhux fis-6 ta' Ġunju kif kien qiegħed isir sa din is-sena stess, minħabba illi din iċ-ċerimonja għandha issir fid- data ta' meta ġrat l-akbar disgrazzja fil-Gwerra.

2.3 Punt 5.5d mis-Seduta 7.16 – Is-Sur Pawlu Bongailas spjega illi l-Bandiera il-ġdida tal-Kunsill ser ikun qed jgħamilha is-Sur Joe Vella kif dejjem sar fis-snin preċedenti.

Huwa ukoll isuġerixxa illi il-bandiera għandha tiġi mtella'  f'post aktar prominenti bħal ma sar fil–Festa, fejn kien hemm Bandiera imtella' viċin iz-Zuntier tal-Knisja, minhabba illi fejn qegħda tiġi mtella' il-bandiera bħalissa m'huwiex post prominenti biżżejjed fl-opinjoni tiegħu.

Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta tas-Sur Pawlu Bongailas u ġie deċiż illi l- bandiera għandha tibqa titella' fejn dejjem titella'.

## 3 Korrispondenza

3.1 Is-Seg. Eżek. saħqet li hemm bżonn li l-Pjazza Sagra Familja tingħalaq bil-bollards minħabba  illi qed jitilgħu it- trakkijiet fiha u qed isirilha ħsara eċċessiva fil- pavimentar, wara li hi kienet kellmet il- kuntrattur tal-Kunsill tal- manutenzjoni u kien hu stess li issuġerixxa dan ir- rimedju la kienu qed isiru dawn l-abbużi.

Il-Kunsill qabel unanimament ma dan is-suġġeriment u li għandu jitħalla aċċess fejn ir-residenti li jiffrekwenatw il-Pjazza speċjalment fis-Sajf filgħaxija.

3.2 Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill dwar miżata fis- sena li qed iħallas il-Kunsill rigward ECAD kif ġie deċiż aktar kmieni din is- sena f'Seduta.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi inutli li din il-miżata qed titħallas minħabba  illi meta jkun hemm laqgħat organizzati minn dawn in-nies l-ebda Kunsillier mhux qiegħed jattendi minħabba il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din il-miżata m'għandiex tibqa titħallas.

3.3 Is-Seg. Eżek. ippreżentat email / ilment / suġġeriment mingħand resident rigward il-festa li għaddiet kif ukoll miżuri li jistgħu jiġu ikkunsidrati għal festi futuri.

Il-parkeġġ ta' Triq Luigi Pisani il-ġdid jinfetaħ għal dik il- ġimgħa tal-festa għal benefiċċju tar- resdineti din is-sena kellimna l-MCST fuq dan is-suġġeriment u huma ikkonfermaw illi il-parkeġġ ma jistax jinfetaħ minħabba illi l-proġett għadu ma tlestiex u il-parkeġġ minnu innifsu qed jintuża temporanjament bħala maħżen tagħhom stess.

Triq Luigi Pisani ma ssirx '2 Way' fil- ġimgħa tal-festa wara diskussjoni kostruttiva bejn il- Kunsilliera din il- proposta ma ġietx aċċettata minħabba illi għal affini ta' armar fit-toroq din is-soluzzjoni kienet l-aħjar waħda avolja tista toħloq element ta' periklu għaliex din it-Triq hija waħda dejqa.

L-istess persuna tat il-proset lill-Każin Sagra Familja għal fatt li żarmaw malajr speċjalment in-nar ta' l-art kif ukoll ċanfret lil Każin San Ġużepp għal fatt illi jdumu biex iżarmaw.

Din il-persuna ser tkun qed tiġi mgħarrfa bid- deċiżjonijiet imsemmija hawn fuq permezz ta' email lura.

3.4 Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill rigward talba mingħand l-kumpanija li għandha 'Bouncy Castles' li talbet permess biex tkun tista tarma fiż-żmien il-festa tal-lokal kull sena.

Il-Kunsill qabel unanimament biex inżommu din il-kumpanija f'moħħna għal attivitajiet oħra li l-Kunsill jista jkun qiegħed jorganizza barra il-festa minħabba illi l-ispazju fix-Xatt fi żmien il-festa huwa wieħed limitat, kif ukoll il-Kunsill ħass illi 'Bouncy Castle' mhux postu fil-ġimgħa tal-festa fil-lokal tal-Kalkara.

3.5 Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill dwar tabelli li ser ikunu qed jitwaħħlu viċin l-iskalijiet li hemm in-naħa tax-Xewkija biex jiġi 'nfurzat illi għal ebda raġuni wieħed ma jistax jipparkja fil-bokka ta' kull skall u jostakola l-istess skallijiet bil-karozza wara ħafna lmenti mingħand nies li jużaw dawn l-iskalijiet biex iniżżlu id-dgħajjes tagħhom.

Is-Sindku ukoll saħħqet illi hemm bżonn isir rapport formali fuq il-karrijiet li qed jitħallew ix-Xatt meta is-sidien tagħhom iniżżlu id- dgħajjes minn fuqhom. Dawn qed inaqqsu il-parkeġġi.

3.6 Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill dwar laqgħa li kellhom hi w is-Sindku mad-Direttur tal-Gvern Lokali rigward il- pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill fejn ġew diskussi fatturi / miżuri kif l-istess Kunsill għandu jaħdem biex inaqqas id-dejn li għandu attwalment.

Il-Kunsill ġie nfurmat illi ser ikun qed jiġi organizzata laqgħa ma' l-Onorevoli Ministru Joe Mizzi u kif ukoll mal-President tar- Reġjun Xlokk rigward il-proġett kapitali li diġa ġie diskuss mill-istess Kunsill minħabba illi aktarx il-Kunsill mhux ser ikun jista japplika hu għal fondi ewropej.

3.7 Il-Kunsill approva unanimament illi la l-ebda kreditur / debitur tal-Kunsill ma jweġibx għal l-ittri li ser ikunu qed jintbgħatu lilhom fiż-żmien li ġej bil- gwida ta' l-'accountants' il- ġodda tal-Kunsill dawn ser ikunu qegħdin jinqataw mill-kotba tal-Kunsill biex b'hekk wieħed itejjeb il-qgħada tas-sistema li għandu il-Kunsill bħalissa.

3.8 Is-Seg.Eżek. ippreżentat email b'talba mingħand resident li joqgħod fi Triq it-Turretta biex jiġu immarkati ma l-art il-parkeġġi.

Il-Kunsill talab lis-Seg.Eżek. twieġbu formalment u tinfurmaħ li minħabba t-triq hija dejqa la darba jinġieb il-permess mit-TM għal imarkar ta' dawn il-parkeġġi ser ikun qiegħed jitnaqqas il-parkeġġ u mhux jiżdied kif qiegħed jaħseb ir-resident.

Tajjeb illi din il-persuna tiġi nfurmata qabel ma jinbeda il-proċess għal l-approvazzjoni ta' parkeġġi ġodda f'din it-triq.

3.9 Is-Seg.Eżek. ippreżentat email kif ukoll ritratti rigward parkeġġ riservat fi Triq is- Sienja fejn il-persuna li tuża dan il-parkeġġ qed ikollha diffikulta' meta tiġi biex tipparkja minħabba illi qed ikun hemm nies oħra bla 'Blue Sticker' li jipparkjaw xorta.

Din il-persuna kif ukoll il-KNPD qed jitolbu li titwaħħal tabella viċin dan il- parkeġġ bħala efażi li dak huwa parkeġġ riservat.

Is-Sindku għarrfet il-Kunsill illi sentejn ilu dan il-każ kien ġie diskuss waqt Seduta tal-Kunsill fejn meta marru il- ħaddiema tal-Kunsill biex iwaħħlu din it-tabella persuna li toqgħod ħdejn dan il-parkeġġ ma riditx għal l-ebda mod li titwaħħal tabella viċin tagħha.

Il-Kunsill iddeċieda illi tabella għandha titwaħħal viċin il- parkeġġ kif suppost u jekk hu possibli mhux viċin din ir-residenta li kienet ilmentat. Fl-istess ħin jekk m'hemmx post alternattiv titwaħħal fil- kurduna tal-bankina bl-aħjar mod possibli fejn l-ebda resident m'għandu dritt jilmenta minħabba li l-bankina taqa taħt ir- responsabilta' tal-Kunsill.

3.10 Is-Seg.Eżek. spjegat il-Kunsill illi hemm bżonn li l-Kunsill jaqbel rigward tranġar tar- 'round about' ta' Triq Rnella kif ukoll titranġa il-funtana ta' Misraħ Arċ.M.Gonzi wara li din ta' l-aħħar dejjem bil-problemi u l-flus li qed jintefqu fuqha huma kbar, kif ukoll is-sistema ta' kif il-funtana taħdem mhux waħda ideali għal bosta fatturi speċjalment fir-

1 / 2, BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI IL-KALKARA KKR 1330
Tel. No: 00356 2166 5500
Email: kalkara.lc@gov.mt
Facebook: Kunsill Lokali Kalkara

rigward ta' saħħa u sigurta'.

Il-Kunsill qabel unanimament rigward it-tranġar bil-fondi UIF wara li jkollna l-approvazzjoni mill- Onorevoli Ministru Joe Mizzi minħabba li dawn iż-żewġ 'round abouts' jaqaw f'toroq prinċipali.

Il-Kunsill issuġerixxa ukoll illi għandha tintalab opinjoni tal-pubbliku rigward id-disinn taż-żewġ 'round abouts' li wieħed ikun jista jieħu fil-konsiderazzjoni flimkien mal-Perit tal-Kunsill stess.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Is-Sindku għarrfet il-Kunsill dwar korsijiet li ser tkun qed torganizza kif ukoll ħarġa kulturali kif inhu imsemmi hawn taħt għal informazzjoni ta' kulħadd:

- Kors tal-Presepji li ser ikun qed jibda aktar tard din is- sena f'Settembru / Ottubru

- Kors ta' 'Herbalisim' li ser ikun qed jibda f'Ottubru.

- Ħarġa Kulturali f'Għawdex għal anzjani

Ser ikunu qed jitwaħħlu 'flyers' b'aktar informazzjoni rigward il-korsijiet bħal dejjem.

4.2. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar ittra / talba li irċeviet mingħand residenti li joqgħodu fi Triq il- Kapuċċini b'talba għal 'Traffic Calmer' in-naħa ta' fuq tat-Triq fejn hemm in-niċċa tal-Madonna minħabba il-periklu / diffikulta li qed isibu biex joħorġu mill-garaxx tagħhom minħabba illi l-karozzi qed iduru b'sewqan eċċessiv f'dawk l-inħawi

Il-maġġoranza tal-Kunsilliera oġġezjonaw għal din it-'Traffic Calmer' u allura il-Kunsill iddeċieda li finalment ma ssirx.

4.3 Is-Sinjura Sindku infurmat il-Kunsill dwar il-laqgħa li kellha hi flimkien mall- maġġoranza tal-Kunsilliera ma' l-Onor. Dr.Stefan Buontempo rigward iċ-Ċentru Ċiviku kif kien ġie deċiż fis-Seduta preċedenti.

1 / 2, BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI IL-KALKARA KKR 1330
Tel. No: 00356 2166 5500
Email: kalkara.lc@gov.mt
Facebook: Kunsill Lokali Kalkara

Hija saħqet illi l-Onor.Buontempo spjega ċar illi mhuwiex f'pożizzjoni li jgħin il-Kunsill għal bini ta' dan iċ-Ċentru Ċiviku minħabba illi hemm aktar minn 5 Kunsilli oħra bl-istess rikjesta u li l-ispiża ta' dawn iċ-Ċentri hija waħda kbira ħafna.

Huwa saħaq ukoll li ser ikun qed jgħin il-Kunsill f'affarijiet oħra għal benefiċċju tar- residenti.

Ġew diskussi xi punti oħra fir- rigward tal-Kunsill ma' l-Onorevoli Buontempo waqt din l-istess laqgħa.

4.4 Is-Sinjura Sindku infurmat lill-Kunsill illi bħal kull sena ser tkun qed tieħu ħsieb il-vaċċin tal-influwenza fil-lokal tal-Kalkara għas-sena 2016 bħas soltu.

**5 Komunikazzjoni tal-Kunsillieri – Is-Sur Chistopher Bruno, Viċi Sindku**

5.1 Is-Sur Bruno irringrazzja formalment għax- xogħol ta' tiżbir li sar fuq is-siġra tal- ħarruba fi Triq Patri Mattew Sultana kif ukoll talab li tinkines it-triq u l-inħawi.
Saħaq ukoll illi hemm bżonn jinġabru knatan li tħallew fi triq mill-ħaddiema stess tal-Kunsill.

Is.Seg.Eżek. spjegat illi ma nġabrux mall-ewwel wara ix-xogħol li sar għal fatt illi il-van tax xogħol li jużaw il-ħaddiema kien bil-ħsara u ma setgħux jinġarru fil-maħżen.

5.2 Is-Sur Bruno għarraf il-Kunsill dwar żewġ karozzi li qed ikunu dejjem ipparkjati fuq id- 'Double Yellow Line' tal-kantuniera fi Triq Pati Mattew Sultana.

Is-Sur Bruno ser ikun qed jgħaddi aktar informazzjoni dwar dawn iż-żewġ karozzi biex b'hekk ikun jista jsir rapport formali lill-Pulizija biex inaqqsu il-periklu tal-karozzi li jiġu biex iduru minn din l-istess kantuniera li qed tiġi żgumbrata b'parkeġġ illegali.

5.3 Is-Sur Bruno talab lill-Kunsill biex japprova aċċess sabiex jintuża biss mir-residenti fi Trejqet Francesco Chircop wara ħafna lmenti li kellu mill-istess residenti li joqgħodu f'din it- triq minħabba il fatt illi qed jipparkjaw karozzi ta' nies oħra li kull darba qed jgħalqu l-aċċess li joħorġu bil-karozzi tagħhom.

L-istess residenti għandhom ftehim bejniethom li jipparkjaw quddiem xulxin u meta wieħed ikollu bżonn joħroġ iċemplu lill xulxin dak il-ħin, pero' nies li ma joqgħodux f'din it-triq ma jafux b'dan l-arranġament u qed ikunu ta' deterent għal dawn in-nies meta jiġu biex jużaw il- karozzi tagħhom.

Il-Kunsill b'maġġoranza tal- voti ma sab l-ebda oġġezjoni li din it- triq ikollha aċċess għar-residenti biss bil-patt li jinġib permess minn TM kif suppost.

## 5b. Komunikazzjoni tal-Kunsillieri- Maria Sultana - Kunsilliera

5.1b Is-Sinjura Sultana saħqet fuq l-'eyesore' li hemm fl-inħawi ta' Triq Santu Rokku minħabba l-'iscrap yard' kif ukoll saħqet li hemm bżonn isir rapport formali għal- inġenji li qed ikun hemm fl-inħawi li qed jitħallew hemm għal konvenjenza tas-sidien tagħhom stess, kemm ma naħa ta' l-'iscrap yard' kif ukoll ma naħa ta' Fort Rnella.

5.2b Is-Sinjura Sultana saħqet li hemm bżonn tinħasel il- bankina ta' wara l-istage ta' Misraħ Arċ.M.Gonzi kif ukoll jerġgħu jitwaħħlu it-tabelli li hemm mpoġġija mal-ħajt li 'nqalgħu ħabba l-armar tal-festa.

5.3b Is-Sinjura Sultana infurmat il- Kunsill dwar il-fatt illi l- karozza tal-linja numru 3 mhux qed iżomm il-ħin kif suppost.

Każ partikulari ġara il-Ħamis 21 ta' Lulju 2016 fejn hi pesonali esperjenzat dak li hu miktub hawn fuq fir-rotta mill-Belt lejn il-Kalkara. Wara siegħa u nofs il-venda bla ebda tal-linja eleġibbli hija personali saqsiet peruna li taħdem fuq dan ir-rigward fejn ikkonferma illi ma kienx hemm xufiera eleġibbli biex din ir-rotta titlaq kull nofsija kif suppost.

L-istess avveniment ġara darbtejn oħra fl-istess ġimgħa skond l-ilmenti tan- nies.

Is-Sinjura Sultana saħqet illi hemm bżonn tintbgħat email formali lil TM fuq dan ir- rigward minħabba illi r-residenti Kalariżi m'humiex qed jiġu stmati kif suppost skond il-ħin fir-rottot tat-Trasport Pubbliku.

**5c. Komunikazzjoni tal-Kunsilliera – Is-Sur Vince Bongailas, Kunsillier**

5.1c Is-Sur Vincent Bongailas talab biex jintbgħat rapport formali lill-Pulizija rigward id-dgħajjes fil- lokal ipparkjati fit-toroq fil-parkeġġi tal- karozzi wara ħafna ilmenti tar-residenti stess li qed isibuwha diffiċċli isibu parkeġġ fit- toroq tagħhom stess.

**5.d Komunikazzjoni tal-Kunsilliera – Is-Sur Pawlu Bongailas, Kunsillier**

5.1d Is-Sur Bongailas staqsa jekk il-'Magazine' tal-Kunsill li diġa ġie diskuss f'Seduti preċedenti għadux ser ikun qed jiġi ippublikat mill-istess Kunsill għal Diċembru biex b'hekk ikun jista jinbeda ix-xogħol fuqu minn naħa tiegħu

Il-Kunsill kollu ikkonferma illi dan il-'Magazine' għandu jinħareġ għal benefiċċju tar-residenti kif diġa ġie deċiż.

5.2d Is-Sur Pawlu Bongailas talab lill-Kunsilliera kollha jikkonfermawlu l-ismijiet tan-nies li ġew innominati minn naħa tagħhom stess biex jirrapreżentaw lill-Kunsilliera rispettivi li ser jkunu jagħmlu parti mis-Sotto Kumitat ta' Ġieħ / Unur il-Kalkara 2016. Is-Sur Bongailas talab il-konferma ta' kulħadd kemm jista jkun fil-ġimgħat li ġejjin biex bħala 'Chairperson' ta' dan il-Kumitat jibda jlaqqa dawn in-nies u jinfetħu id-diskussjonijiet f'dan ir-rigward.

## 6 Approvazzjoni tal-pagamenti

6.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 7.16 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 7 Aġġornament

7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal

nhar il-Erbgha 24 ta' Awwissu 2016 fis-2:00 p.m.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ***Speranza Chircop*** | ***Elaine Caruana*** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: 26/07/2016